MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 311/2007

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurati taghha Mariella Mercieca Camilleri, Richard Cassar, Maria Brown, Claudette Borg, Alexia Falzon, Louise Sammut, Paula Vella Sciriha, Claudette Gatt, Jennifer Aquilina, Ruth Vella Muscat, Ruth Abdel Sawi, Carmen Xuereb, Terence Leslie Holt, Joseph Azzopardi, Adeodata Genovese, Joseph Azzopardi, Maria Dolores Muscat, Nicola Riutter Giappone, Lorraine Gauci, Bernard Bartolo, Carmen Fava, John Grima, Patrick Attard, Dawn Spiteri, Jean Claude Galea, Josephine Frendo, Melanie Lorraine Debono, Denise Farrugia, Edwin James Lawton, Nathalie Gatt, Matthew Dimech, David Schembri**

**Vs**

**Bargain Holidays Limited (C-8565) proprio kif ukoll bhala agent ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera Britishjet.com in solidum bejniethom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurati taghha Mariella Mercieca Camilleri, Richard Cassar, Maria Brown, Claudette Borg, Alexia Falzon, Louise Sammut, Paula Vella Sciriha, Claudette Gatt, Jennifer Aquilina, Ruth Vella Muscat, Ruth Abdel Sawi, Carmen Xuereb, Terence Leslie Holt, Joseph Azzopardi, Adeodata Genovese, Joseph Azzopardi, Maria Dolores Muscat, Nicola Riutter Giappone, Lorraine Gauci, Bernard Bartolo, Carmen Fava, John Grima, Patrick Attard, Dawn Spiteri, Jean Claude Galea, Josephine Frendo, Melanie Lorraine Debono, Denise Farrugia, Edwin James Lawton, Nathalie Gatt, Matthew Dimech, David Schembri, fid-9 ta’ Ottubru 2007, permezz ta’ liema titlob li s-socjetà Bargain Holidays Limited f'isimha proprio u bhala agent tad-ditta estera Britishjet.com tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elfejn tlett mija hamsa u hamsin Lira Maltija (Lm2,355.07), illum ekwivalenti ghal €5,485.84, rapprezentanti kumpens minnha mhallas lill-assikurati taghha ghal hsarat u/jew nuqqasijiet fuq bagalji taghhom waqt trasport bl-ajru operat mis-socjetà Bargain Holidays Limited u d-ditta estera Bristishjet.com jew min minnhom, ghal liema hsarat u/jew nuqqasijiet l-istess imsemmija socjetajiet huma responsabbli solidarjament bejniethom skond l-ftehim ta’ transport u skond il-Ligi, komprizi r-Regolamenti 2001/539EC u l-Konvenzjoni ta’ Montreal, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-socjetà Bargain Holidays proprio et nomine;

Rat il-prospett anness mar-Rikors promotur markat Dok. “A” a fol. 3 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Bargain Holidays Limited permezz ta’ liema topponi ghat-talba attrici u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, stante li: (i) preliminarjament, is-socjetà Bargain Holidays Limited ma hijiex agent u ma ghandhiex ir-rapprezentanza

tad-ditta estera Britishjet.com u ghalhekk ma hijiex garanti in solidum ta' l-imsemmija ditta u b'hekk in kwantu mharrka bhala agent ta’ Britishjet.com ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) is-socjetà Bargain Holidays Limited hija socjetà li tiggestixxi agenzija ta’ l-ivvjaggar, ma ghandha l-ebda linja ta’ l-ajru u ma topera ebda linja ta’ l-ajru, u ghalhekk mhux responsabbli ghall-pagament pretiz mis-socjetà attrici; (iii) Britishjet.com huwa *trading name* tal-linja ta’ l-ajru Hello AG, kumpannija ta’ l-ajru registrata barra minn Malta, u ghalhekk hija din il-linja ta' l-ajru li se mai hija responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjetà attrici; u fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju (iv) l-ammont pretiz huwa eccessiv u, ghal kull buon fini, stante li s-socjetà attrici ma tat ebda zmien meta l-allegat ammont sar dovut, it-talba attrici hija preskritta u b’hekk ebda ammont ma huwa dovut;

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici permezz ta’ Nota pprezentata fis-27 ta’ Frar 2008, markati Dok. “RC1” sa’ Dok. “BJ4” a fol. 26 sa’ 238 tal-process u permezz ta’ Nota pprezentata fl-24 ta’ Novembru 2008 markat Dok. “CZ1” a fol. 307 tal-process;

Semghet ix-xhieda ta’ John Galdes, rapprezentant tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduta tas-27 ta’ Frar 2008[1] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt l-imsemmija seduta u markati Dok. “JG1” sa’ Dok. “JG20” a fol. 243 sa’ 281 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Effie Briffa moghtija waqt is-seduti tal-15 ta’ April 2008[2] u tad-19 ta’ Mejju 2008[3] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tal-15 ta’ April 2008 markati Dok. “EB1” sa’ Dok. “EB19” a fol. 286 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ John Grima moghtija waqt is-seduta tas-6 ta’ Mejju 2008[4] u ta’ Ruth Abdel Sawi moghtija waqt is-seduta tad-19 ta’ Mejju 2008[5], semghet ix-xhieda ta’ Albert sive Robbie Borg moghtija waqt is-seduti tas-16 ta’ Marzu 2009[6] u tas-16 ta’

[1] Fol. 239 sa’ 242 tal-process.
[2] Fol. 283 sa’ 285 tal-process.
[3] Fol. 294 u 295 tal-process.
[4] Fol. 291 u 292 tal-process.
[5] Fol. 296 sa’ 298 tal-process.
[6] Fol. 311 sa’ 313 tal-process.

Dicembru 2010[7] u rat id-dokumenti minnu pprezentati waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru 2010 markati Dok. (i) sa' Dok. (v) a fol. 320 sa' 335 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjetà attrici fit-18 ta' April 2011[8] u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva pprezentata mis-socjetà konvenuta fis-6 ta' Mejju 2011[9];

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici, kif surrogata fid-drittijiet ta' diversi assikurati taghha, titlob li s-socjetà konvenuta Bargain Holidays Limited f'isimha proprio kif ukoll bhala agent in rapprezentanza tad-ditta estera Britishjet.com tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' Lm2,355.07, illum ekwivalenti ghal €5,485.84, rapprezentanti kumpens minnha mhallas lill-assikurati taghha ghal hsarat u/jew nuqqasijiet fuq bagalji taghhom waqt trasport bl-ajru operat mis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ghal liema hsarat u/jew nuqqasijiet huma responsabbli l-imsemmija socjetajiet solidarjament bejniethom skond il-ftehim ta' trasport u skond il-Ligi, inkluz Council Decision 2001/539EC u l-Konvenzjoni ta' Montreal.

In risposta ghat-talba attrici s-socjetà konvenuta kif imharrka teccepixxi li: (i) in kwantu mharrka bhala agent tad-ditta estera Britishjet.com ma ghandhiex titqies bhala garanti solidali ta' l-imsemmija ditta u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante li ma hijiex agent u ma ghandhiex ir-rapprezentanza ta' Britishjet.com; (ii) is-socjetà Bargain Holidays Limited hija agenzija ta' l-

[7] Fol. 336 tal-process.
[8] Fol. 338 sa' 343 tal-process.
[9] Fol. 345 sa' 353 tal-process.

ivvjaggar, ma ghandha l-ebda linja ta’ l-ajru u ma topera ebda linja ta’ l-ajru, u ghalhekk ma hijiex responsabbli ghall-kumpens pretiz mis-socjetà attrici; (iii) Britishjet.com hija *trading name* tal-linja ta’ l-ajru Hello AG, kumpannija ta’ l-ajru registrata barra minn Malta, u ghalhekk hija din il-linja ta’ l-ajru li se mai ghandha tirrispondi ghall-pretensjonijiet tas-socjetà attrici; u li fi kwalunkwe kaz (iv) l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa eccessiv u ghal kull buon fini, stante li s-socjetà attrici ma tat ebda indikazzjoni taz-zmien meta l-allegat ammont sar dovut, it-talba attrici hija preskritta u b’hekk ebda ammont ma huwa dovut.

Huwa evidenti li l-kontestazzjoni principali fuq liema s-socjetà Bargain Holidays Limited timposta d-difiza taghha ghat-talba attrici hija n-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejnha u Britishjet.com, bil-konsegwenza li ma tistax titqies responsabbli, wahdeha jew solidalment ma’ Britishjet.com, versu s-socjetà attrici ghall-ammont minnha pretiz.

Is-socjetà attrici, tramite x-xhud John Galdes, tikkontendi li is-socjetà Bargain Holidays Limited kienet tirrapprezenta lokalment lil Britishjet.com u ghalhekk hija responsabbli ghall-kumpens li kellha thallas lill-assikurati taghha minhabba hsara u/jew telf ta’ bagali waqt trasport bl-ajru ma’ Britishjet.com. John Galdes in effetti jikkontendi li *l-kawza ghamilnija kontra s-socjetà Bargain Holidays Limited peress illi mid-dokumenti li ghandna f’idejna rrizulta li din is-socjetà qieghda tirrapprezenta lis-socjetà Britishjet. Per ezempju qed naghmel referenza ghad-Dok. RC1. Il-letter head f’dan id-dokument huwa ‘britishjet.com’ u hemm l-indirizz il-Qawra. It-telephone number indikat 21579350 huwa l-istess wiehed li huwa registrat taht Bargain Holidays Limited. Il-website wkoll hija indikata bhala dik tal-Bargain Holidays. Dokument DS1 jidher illi hemm miktub highlighted bl-orange illi “bristihjet.com is the trading name of Bargain Holidays Limited". Naghmel referenza ghad-dokumenti BJ2,3 u 4. Dana huwa reklam illi gie ppubblikat fit-Times fejn qed jigi rreklamat is-servizz tal-britishjet.com. F’dan ir-reklam hemm numru tat-telephone illi huwa l-istess wiehed li semmejt qabel*

*registrat f'Bargain Holidays Limited. Id-dokument BJ 3 huwa printout mill-website tal-britishjet.com u juri l-indirizz tal-Qawra u l-istess telephone number. Id-Dokument BJ 4 huwa printout mid-direttorju tal-GO fejn juri li n-numru huwa registrat taht Bargain Holidays Limited*[10].

Is-socjetà Bargain Holidays Limited, tramite x-xhieda ta' Albert sive Robby Borg u numru ta' dokumenti esebiti[11], tirrespingi l-pretensjoni tas-socjetà attrici u l-istess Robby Borg jiddikjara li *jiena direttur tas-socjetà Bargain Holidays Limited li hija agenzija ta' l-ivjaggar. Bhala tali ahna noperaw mal-linji ta' l-arju li joperaw minn Malta u m'ahniex agenzija ta' linja partikolari. Gie allegat li f'din il-kawza li ahna agenti tal-Britishjet.com. Dana mhuwiex minnu. Il-Britishjet.com huwa trade name tas-socjetà Hello AG li hija kumpanija registrata fl-Isvizzera li hija linja ta' l-ajru. Ahna bhala agenti ta' l-ivjaggar inbieghu biljetti lil din il-kumpanija Hello AG illi topera taht l-isem Britishjet, bhalma del resto nbieghu biljetti ghal kull linja ta' l-ajru ohra li topera lejn Malta. … Jiena naf li s-socjetà attrici bhala kumpanija assikuratrici kienet ghamlet claim kontra taghna ghar-risarciment tad-danni dwar hsara li giet ikkawzata fuq baglji. Ahna ma accettajniex din it-talba ghax m'ahniex airline. Fuq din il-kwistjoni darba konna ktibna lid-Direttur tac-Civil Aviation però kien irrisponda u qalilna li lilna ma kienx jirrikonoxxina peress li ma konniex airline, u kien jirrikonoxxi biss lil Hello AG. Nikkonferma li f'xi fatturi ahna uzajna l-logo tal-Britishjet. Dana ghamilnih peress li konna qed inbieghu flights taghhom. Britishjet Limited kienet kumpanija li topera fis-servizzi tal-lukanda. Tbiegh vjaggi kif ukoll il-lukanda u m'ghandha x'taqsam xejn mal-Britishjet.com. Nikkonferma li l-Ingilterra kien hem kumpanija registrata bl-isem Britishjet.com Limited li kienet operata mit-tfal tieghi. Illum din il-kumpanija m'ghadhiex topera. Hija dormant però t-tfal tieghi taw permess lil Hello AG biex juzaw isimha bhala trade name. L-iskop ta' din il-kumpanija kienet illi tiehu over l-operat ta' Hello AG izda qatt ma haditu. Is-socjetà ta' l-Ingilterra*

[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2008, fol. 239 sa' 242 tal-process.
[11] Dokumenti markati Dok. (i) sa' Dok. (v) a fol. 320 sa' 335 tal-process.

*Britishjet.com Limited la kellha u lanqas ghandha relazzjoni ma' Bargain Holidays Limited. L-operat ta' Hello AG hadd ma hadu ghax din il-kumpanija ma baqghetx topera iktar lejn Malta. Kienet topera Malta f'dak il-perijodu meta kienet topera bhala Britishjet. Dak iz-zmien konna nixtru l-flights u nbieghhom, l-istess relazzjoni kummercjali illi ghandna llum ma' l-Airmalta u kumpaniji ta' l-ajru ohra. Mistqosi jekk huwiex minnu illi Britshjet.com ghandha website u li din tirreferi ghas-socjetà Bargain Holidays Limited nghid illi dan mhuwiex minnu. Qieghed nigi muri d-dokument a fol. 237 tal-process fejn jidher il-logo tal-Britishjet.com u l-indirizz Rizzi Street, Qawra. Dan huwa l-indirizz ta' l-ufficju taghna. L-ufficju m'huwiex proprjetà tal-Bargain Holidays izda tal-Palm Court Hotel u kienu juzawh it-tnejn. It-telephone number li jidher f'dan id-dokument huwa tal-Malta Bargains li qabel kienet il-Bargain Holidays*[12].

Minn ezami tal-provi prodotti u partikolarment tad-dokumenti esebiti mill-partijiet kontendenti, il-Qorti hija tal-fehma li kuntrarjament ghal dak affermat mis-socjetà Bargain Holidays Limited jirrizulta debitament ippruvat li d-ditta Britishjet.com kienet fiz-zmien rilevanti ghal dan il-kaz il-linja ta' l-ajru li maghha taru l-assikurati tas-socjetà attrici u li s-socjetà Bargain Holidays Limited kienet mhux biss qed tagixxi ta' rapprezentant ta' din il-linja ta' l-ajru izda kienet addirittura operatur ta' l-istess linja ta' l-ajru. Dana jirrizulta mhux biss mill-fatt li d-ditta Britishjet.com kellha l-istess indirizz u linja tat-telephone tas-socjetà Bargain Holidays Limited[13] izda wkoll mill-fatt li fl-ittra tieghu tat-8 ta' Mejju 2007, id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili indirizza lil Robby Borg bhala Managing Director

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2009, fol. 311 sa' 313 tal-process.

[13] Diversi biljetti ta' l-ajru ad ezempju Dok. "RC1" a fol.26 tal-process, Dok. "MB1" a fol. 31 tal-process, Dok. "LS1" a fol. 41 tal-process, Dok. "PVS1" a fol. 47 tal-process, Dok. "CG1" a fol. 53 tal-process u Dok. "BJ1" a fol. 235 tal-process u riklami esebit bhala Dok. "BJ2" a fol. 236 tal-process, estratt mill-website ta' Britishjet.com esebit bhala Dok. "BK3" a fol. 237 tal-process u estratt mill-website tal-GO Directory esebit bhala Dok. "BJ4" a fol. 238 tal-process.

Britishjet.com[14] u r-risposta tal-Malta Insurance Association datata 10 ta' Jannar 2007 dwar inizzjattiva ghall-hlas ta' kumpens f'kaz ta' telf ta' bagalji proposta Malta Bargains Limited u Britishjet.com. b'ittra datata 1 ta' Dicembru 2006, giet avvanzata bil-fax lil Robby Borg fuq in-numru 21581730 li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li huwa l-fax number tas-socjetà Bargain Holidays Limited u mid-*delivery report tal-fax* juri l-Britishjet.com bhala r-*recipient*[15].

Ghalkemm is-socjetà Bargain Holidays Limited tallega li Britishjet.com huwa *trade name* li bih kienet topera s-socjetà Hello AG, socjetà registrata l-Isvizzera, li hija linja ta' l-ajru u li hija din is-socjetà li se mai ghandha titqies responsabbli fil-konfront tas-socjetà attrici, l-istess socjetà konvenuta ma ressqitx prova sodisfacenti in sostenn ta' dak minnha allegat. Ghalkemm Robby Borg esebixxa bhala Dok. (v) a fol. 327 sa' 335 tal-process *terms and conditions of carriage* minn liema jirrizulta li *your contract is with Hello AG, an air carrier registered in Switzerland ("the air carrier") and trading as Britishjet.com*, kif gustament osservat mis-socjetà attrici fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha *minn imkien ma jirrizulta illi dawk kienu "it-terms and conditions" li kienu japplikaw fiz-zmien meta sar il-kuntratt mal-passiggieri in kwistjoni. Minn imkien ma jirrizulta lanqas, illi l-passiggieri gew ipprovduti b'dawn it-terms and conditions jew li dawn gew spjegati lilhom bic-car qabel ma xtraw il-biljetti ta' l-ajru. Illi in oltre jigi rilevat illi jekk wiehed ihares lejn l-ahhar linja ta' dan id-dokument fejn jintqal "BritishJet Limited is taking payment in its capacity of a ticket provider", jirrizulta ghalhekk illi dan id-dokument m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz in kwistjoni stante illi l-kawza in kwistjoni hija fil-konfront ta' Bargain Holidays Limited proprio et nomine u ghalhekk dan id-dokument mahrug minn BritishJet Limited m'ghandux x'jaqsam mal-kaz odjern u huwa ghal kollox irrilevanti, u ghalhekk il-kondizzjonijiet msemmija f'dan id-*

[14] Dok. (ii) a fol. 322 tal-process.
[15] Dok. (iv) a fol. 325 u 326 tal-process.

*dokument ma japplikawx ghall-kundizzjonijiet li bihom kien marbut il-kuntratt tal-passiggieri fil-kaz in kwistjoni*[16]*.*

Ghalkemm huwa minnu li waqt is-seduta tas-17 ta’ Marzu 2011 is-socjetà attrici iddikjarat li mhux qed tikkontesta l-veracità tad-dokumenti esebiti minn Robby Borg bin-Notaipprezentata fis-16 ta’ Dicembru 2010, fejn fosthom kien hemm dawn it-*terms and conditions,* ma jfissirx li dik is-socjetà accettat l-applikabilità ta’ dak id-dokument ghall-proceduri in ezami. Di fatti l-kontestazzjoni tas-socjetà attrici ma hijiex tant dwar il-genwinità ta’ dak id-dokument izda dwar l-applikabilità ta’ dak fih kontenut ghall-proceduri odjerni.

Dak li invece jirrizulta bla dubju debitament ippruvat mill-atti processwali huwa li Britishjet.com kien *trade name* li bih kienet topera s-socjetà Bargain Holidays Limited – u dana anke b’referenza ghall-biljetti mibjugha lill-assikurati tas-socjetà attrici - *qua* operatur tal-linja ta’ l-ajru *britishjet airlines*. B’hekk mill-provi prodotti ampjament jirrizulta li kien hemm korrelazzjoni qawwija u stretta bejn is-socjetà Bargain Holidays Limited u Britishjet.com, li taghmel lis-socjetà Bargain Holidays Limited iktar minn semplici agent ta’ l-ivvjaggar, kif minnha invece pretiz.

In verità u kif gustament osservat mis-socjetà attrici fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghha, l-insostenibilità tal-pretensjonijiet sollevati mis-socjetà Bargain Holidays Limited f’dawn il-proceduri tirrizulta kkonfermata mis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited et v. Bargain Holidays Limited” Appell Civili Nru. 923/06** deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta’ Mejju 2009 u ikkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta’ Novembru 2009, li kienet tittratta dwar meirtu identiku ghal dak tal-proceduri in ezami u l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà Bargain Holidays Limited f’dawk il-proceduri dwar ir-responsabilità taghha kienuwsqz identici ghal dawk minnha sollevati fil-kaz in ezami.
F' dawk il-proceduri t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kien cahad l-eccezzjonijiet tas-socjetà Bargain Holidays

---

[16] Para. 22 tan-Nota ta’ Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici.

Limited ghaliex *jirrizulta li kemm l-airline u kif ukoll is-socjetà konvenuta ghamlu zmien joperaw taht isem l-istess ditta tal-Britishjet.com liema ditta fil-fatt kienet anke l-isem tal-carrier. Di fatti fuq il-confirmation/invoices tal-Britishjet.com li hija indikata bhala l-airline in kwistjoni, wiehed isib l-indirizz u l-isem tas-socjetà konvenuta. Illi ghalhekk jidher li l-hsara giet kawzata mill-linja ta' l-ajru bl-isem British Jet u stante li din si tratta ta' isem ta' ditta utilizzat mis-socjetà konvenuta almenu ghal dak iz-zmien in kwistjoni, isegwi li l-istess socjetà konvenuta ghandha twiegeb ghal tali danni reklamati. Mill-mod kif inhargu l-biljetti jidher evidenti li l-carrier kien il-British Jet u mhux isem xi socjetà Svizzera ohra kif tipprova tafferma s-socjetà konvenuta. L-isem tas-socjetà Svizzera "Hello" ma tinkwadra imkien fl-operat tal-Britishjet.com almenu mid-dokumenti esebiti. Ghal kuntrarju d-dokumenti esebiti inkluz dawk mill-istess socjetà konvenuta jindikaw lis-socjetà konvenuta bhala li kienet qed topera taht isem il-carrier Bristhjet.com. Fil-fatt per ezempju l-ittra datata 8 ta' Mejju 2007 mibghuta mid-Dipartiment ta' l-Avvjazzjoni Civili (a fol. 316) tindirizza lil Robby Borg bhala Managing Director tal-Bristishjet.com u ghalhekk wiehed ghandu jiddeduci li huwa ferm kredibbli, kif del resto ammess mill-istess Robby Borg, li s-socjetà konvenuta kienet fil-fatt qieghda tagixxi u topera bl-isem id-ditta Britishjet.com u kwindi in rapprezentanza tal-linja ta' l-ajru bl-isem ta' Britishjet.com.*

Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ikkonfermat l-osservazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjonijiet tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u wara li hadet in konsiderazzjoni dak li rrizulta mill-provi prodotti ziedet tghid li *dan kollu jinsab rilevat mit-Tribunal fil-korp tas-sentenza tieghu u l-motivazzjoni taghha hi propru arginata fuq il-konsiderazzjoni illi, <u>il-kumpanija konvenuta kienet effettivament qeghda tagixxi sija in rapprezentanza tal-linja ta' l-ajru Bristih Jet u sija qua operatur in vista ta' dak l-uzu minnha ta' isem id-ditta Britishjet.com</u>[17]. Fir-rigward, it-Tribunal jissenjala b'enfasi l-fatt accertat illi d-ditta Britishjet.com ghandha l-istess indirizz u l-istess linja*

[17] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*telefonika ghal dik tas-socjetà konvenuta Bargain Holidays Limited … Ilkoll flimkien, dawn ir-riljievi ta' fatt jissugerixxu l-ezistenza ta' korrelazzjoni qawwija u stretta bejn Bargain Holidays Ltd. u Britishjet.com li taghmel lil dik ta' l-ewwel* [jigifieri Bargain Holidays Limited] *aktar minn semplici agent ta' l-ivvjaggar*[18].

Din il-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-imsemmija sentenza u fid-dawl tar-rizultanzi probatorji tal-proceduri in ezami tikkondivdi l-hsieb ta' dik il-Qorti li s-socjetà konvenuta agixxiet mhux biss bhala rapprezentant tal-linja ta' l-ajru Britishjet.com izda addirittura bhala operatur ta' dik il-linja ta' l-ajru u ghalhekk ir-responsabilitajiet taghha vis-à-vis il-klijenti taghha, u f'dan il-kaz tas-socjetà attrici kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurati taghha, jmorru ferm oltre minn dawk ta' semplici agenzija ta' l-ivvjaggar. Ghaldaqstant, kif gustament pretiz mis-socjetà attrici s-socjetà Bargain Holidays Limited ghandha tirrispondi ghad-danni sofferti minnha – konsistenti fil-kumpens imhallas lill-assikurati taghha – kemm f'isimha proprio kif ukoll bhala agent ta' Britishjet.com. Is-socjetà attrici hija korretta wkoll f'li tippretendi li dawn iz-zewg entitajiet huma solidalment responsabbli bejniethom ghall-imsemmija danni.

Mir-Rikors promotur jirrizulta li s-socjetà attrici tibbaza l-pretensjoni taghha tar-responsabilità solidali bejn is-socjetà Bargain Holidays Limited proprio u l-Britishjet.com ghall-hlas dovut lilha *inter alia* fuq id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Montreal, introdotta u reza applikabbli fis-sistema guridika nostrali bis-sahha tal-*Carriage by Air (International and Noninternational Carriage) Order*, Legislazzjoni Sussidjarja 499.24[19]. L-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni jittratta dwar il-*Mutual Liability* u jipprovdi li (1) *the acts and omissions of the actual carrier and of its servants and agents acting within the scope of their employment shall, in relation to the carriage performed by the actual carrier, be deemed to be also those of the*

[18] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[19] Pubblikat biss bil-lingwa Ingliza.

*contracting carrier.* (2) *The acts and omissions of the contracting carrier and of its servants and agents acting within the scope of their employment shall, in relation to the carriage performed by the actual carrier, be deemed to be also those of the actual carrier. Nevertheless, no such act or omission shall subject the actual carrier to liability exceeding the amounts referred to in Articles 21, 22, 23 and 24. Any special agreement under which the contracting carrier assumes obligations not imposed by this Convention or any waiver of rights or defences conferred by this Convention or any special declaration of interest in delivery at destination contemplated in Article 22 shall not affect the actual carrier unless agreed to by it.* A tenur ta' l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni *contracting carrier* huwa dak li *as a principal makes a contract of carriage governed by this Convention with a passenger or consignor or with a person acting on behalf of the passenger or consignor, and another person (hereinafter referred to as "the actual carrier") performs, by virtue of authority from the contracting carrier, the whole or part of the carriage, but is not with respect to such part a successive carrier within the meaning of this Convention. Such authority shall be presumed in the absence of proof to the contrary.*

Fil-fehma tal-Qorti minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Montreal tirrizulta kkonfermata r-responsabilità solidali bejn is-socjetà Bargain Holidays Limited f'isimha proprio u d-ditta Britishjet.com, rapprezentata hawn Malta mill-istess socjetà Bargain Holidays Limited, u b'hekk is-socjetà attrici kienet korretta li harrket lill-imsemmija Bargain Holidays Limited bil-mod u entro l-parametri li harkitha fihom.

Is-socjetà konvenuta tikkontesta t-talba tas-socjetà attrici wkoll in bazi ghall-eccezzjoni li *l-ammont huwa eccessiv u a kull buon fini, stante li l-atturi ma taw ebda indikazzjoni taz-zmien meta l-allegat ammont huwa dovut huwa preskritt u ghalhekk mhux dovut*. In kwantu rigwarda l-allegata preskrizzjoni tat-talba attrici, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva taghha s-socjetà konvenuta tiddikjara li *l-konvenuti qed jirrinunzjaw ghall-eccezzjoni*

*tal-preskrizzjoni stante li mill-atti esebiti din ma tirrizultax*[20]. Madanakollu zammet ferma l-eccezzjoni li l-ammont pretiz huwa eccessiv u mhux debitament ippruvat bhala dovut mis-socjetà attrici.

Wara li ezaminat il-provi dokumentarji prodotti mis-socjetà attrici in sostenn tat-talba taghha – senjatament il-biljetti ta' l-ajru, il-fatturi u ricevuti li nhargu minn Travellers Limited u esebiti minn Effie Briffa u s-*subrogation forms* iffirmati mill-assikurati tas-socjetà attrici – il-Qorti hija tal-fehma li l-istess socjetà attrici irnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti l-pretensjoni taghha sa' l-ammont ta' Lm2,165.40, illum ekwivalenti ghal **€5,044.03**. L-ammonti li s-socjetà attrici ma irnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti huma dak pretinenti ghal: (i) Mariella Mercieca Camilleri dwar liema ma gewx esebiti dokumenti; (ii) Adeodata Genovese[21] u Jean Claude Galea[22] stante li ma jirrizultax li kkuntrattaw mas-socjetà konvenuta izda mas-socjetà Malta Bargains Limited registrata l-Ingilterra; u (iii) Patrick Attard stante li mid-dokument Dok. "PA3" a fol.162 tal-process jirrizulta li l-bagalja tieghu nsterqet mit-*train* u mhux waqt it-trasport bl-ajru. Il-Qorti tosserva li ghallkemm mill-prospett esbit mis-socjetà attrici a fol.3 tal-process u mill-gdid a fol.307 tal-process jirrizultaw zewg entrati relattivi ghal Ruth Abdel Sawi, dawn ma humiex entrati ripetuti izda zewg *claims* separati u dana kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni relattiva esebita mis-socjetà attrici: Dok. "RAS1" sa' Dok. "RAS7" a fol. 70 sa' 83 in kwantu l-hlas ammontanti ghal Lm636.08 u Dok. "RAS8" sa' Dok. "RAS14" a fol. 221 sa' 234 tal-process u ghaldaqstant kull wahda minnhom tirrizulta debitament ippruvata.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici kif diretta fil-konfront tas-socjetà konvenuta proprio et nomine sa' l-ammont ta' €5,044.03 hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha, bl-ispejjez, fic-

---

[20] Para. 5 tan-Nota a fol. 352 tal-process.
[21] Dok. "AG1" a fol. 104 tal-process.
[22] Dok. "JCG1" a fol. 173 tal-process.

cirkostanzi ta' dan il-kaz, kontra l-istess socjetà konvenuta proprio et nomine.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta, hlief ghall-hames eccezzjoni li qed tigi milqugha in parte, tilqa' t-talba attrici limitatament sa' l-ammont ta' €5,044.03, u tikkundanna lis-socjetà Bargain Holidays Limited f'isimha proprio u bhala agent ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera Britishjet.com, in solidum, thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €5,044.03, bl-imghax legali dekoribbli mid-9 ta' Ottubru 2007, id-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà Bargain Holidays Limited f'isimha proprio u bhala agent ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera Britishjet.com, in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------